| KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA | Brussell, 6 ta’ Novembru 2009(13.11) (OR.en) |
|---|---|

**15586/09**

**COPEN 224**

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Normunds Popens, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentazzjoni Permanenti tal-Latvja għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Unità 2B - Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali, Direttorat 2 - Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Ċivili u Kriminali, Direttorat-Ġenerali H - Ġustizzja u Affarijiet Inetrni, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett : | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta’ Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta’ konfiska - Ittra ta' notifika mil-Latvja |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ittra ta' notifika mil-Latvja.

________

Suġġett: implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska

Fl-14 ta' Lulju 2009, daħlet fis-seħħ liġi li temenda l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, li tipprevedi l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni Qafas"). Peress li d-Deċiżjoni Qafas tipprevedi li kull Stat Membru jibgħat notifika dwar liema awtorità ċentrali hija kompetenti biex tesegwixxi ordnijiet ta' konfiska u dikjarazzjoni dwar il-lingwa li fiha l-Latvja ser taċċetta ċ-ċertifikati, u għall-preżentazzjoni tat-test tad-dispożizzjonijiet li bihom l-Istat Membru jittrasponi fil-liġi nazzjonali tiegħu l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas, aħna nixtiequ nippreżentaw l-informazzjoni li ġejja.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas jipprevedi li kull Stat Membru għandju jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar liema awtorità, skont il-liġi tiegħu, hija kompetenti biex toħroġ u tesegwixxi l-ordnijiet ta' konfiska. Barra minn dan, kull Stat Membru jista', jekk hu meħtieg bħala riżultat tal-organizzazzjoni tas-sistema interna tiegħu, jagħżel awtorità ċentrali waħda jew aktar li tkun/jkunu responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċeviment amministrattiv tal-ordnijiet ta' konfiska u biex tgħin/jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant, aħna qed ninnotifikaw li fil-Latvja l-awtorità ta' esekuzzjoni kompetenti hija l-qorti (distrettwali) tal-belt u l-awtorità emittenti kompetenti hija l-qorti. Qed ninnotifikaw ukoll li l-awtorità ċentrali hija l-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Latvja.

L-Artikolu 19(2) tad-Deċiżjoni Qafas jipprevedi li kwalunkwe Stat Membru jista', meta d-Deċiżjoni Qafas tiġi adottata jew f'data aktar tard, jiddikjara f'dikjarazzjoni depożitata mas-Segretarjat Ġenerlai tal-Kunsill li huwa ser jaċċetta traduzzjoni f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej. Għaldaqstant, aħna qed ninnotifikaw li ċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas ser jiġi aċċettat mil-Latvja bil-Latvjan.

Barra minn hekk, l-Artikolu 22(2) tad-Deċiżjoni Qafas teħtieġ li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas. Għalhekk, aħna qed ninkludu estratt mill-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali li juri l-Kapitoli 71 u 72 tal-Parti C (Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam Kriminali-Legali) isupplimentat mit-Taqsimiet $785^{1}$, $801^{8}$, $801^{9}$, $801^{10}$, $801^{11}$, $801^{12}$, $801^{13}$, $801^{14}$, $801^{15}$, $801^{16}$, $809^{1}$ $810^{4}$, $810^{5}$, $810^{6}$ u $810^{7}$ .

Fil-każ li jkun hemm xi mistoqsijiet, il-persuna li għandha tiġi kkuntattjata hija s-Sinjura Inga MELNACE, Viċi Direttur, Dipartiment tal-Liġi Kriminali, Ministeru tal-Ġustizzja (tel.: +37167046102, posta elettronika: inga.melnace@tm.gov.lv

Annessi: 1. In-notifika u d-dikjarazzjoni tal-Latvja (paġna 1)
2. Estratt mill-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali (17-il paġna)

(Formula ta' għeluq)

Għar-Rappreżentant Permanenti

Jānis Sīlis
Kunsillier

________

**ANNESS 1**

***Notifiki u dikjarazzjonijiet mir-Repubblika tal-Latvja skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska***

**Deċiżjoni Qafas, Artikolu 3:**

Awtorità kompetenti fil-Latvja bħala Stat ta' esekuzzjoni: kwalunkwe qorti distrettwali (tal-belt)

Awtorità kompetenti fil-Latvja bħala Stat emittenti: kwalunkwe qorti

Awtorità ċentrali:
Tieslietu ministrija (Ministeru tal-Ġustizzja)
Brīvības bulv. 36 - Riga
LV-1536
Il-Latvja

tel.: +371 67036801
+371 67285575
faks: +371 670720823
Posta elettronika : tm.kanceleja@tm.gov.lv

**Deċiżjoni Qafas, Artikolu 19(2):**

Il-Latvja taċċetta, għall-esekuzzjoni, ordnijiet ta' konfiska mfassla bil-Latvjan.